# I L - M A L T I

QARI LI TOĦROĠ | MARZU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI | 1968


# IS-SUR ROBERT MIFSUD BONNICI, P.E.P.

*B'sogħba nħabbru l-mewt tas-Sur Robert Mifsud Bonnici, Membru Akkademiku mill-anzjani u kittieb magħruf mill-aktar.*

*Is-Sur Robert kien skrittur prolifiku u ħaddem il-pinna tiegħu f'xogħlijiet diversi; hu kiteb dwar suġġetti axxetiċi, didaskaliki, artistiċi, patrijottiċi u bijografiċi; kien kommentatur għaqli, ġurnalista tajjeb u polemiku qawwi.*

*Mhix ħaġa ħafifa wieħed isemmi l-kotba kbar u żgħar li ħarġu mill-pinna tas-Sur Robert, għax hemm tant minnhom li bilkemm tista' ssib tarfhom. Ftit ġranet qabel miet hu ħareġ l-aħħar ktieb dwar studju antropoloġiku, "IL-BNIEDEM BHIMA", li jfisser 'in-nisel tal-bniedem skond it-tagħlim reliġjuż. Hija ħasra li s-Sur Robert ma rnexxilux jara stampat sat-tmiem l-opra tiegħu monumentali, "DIZZJUNARJU BIJO-BILJOGRAFIKU NAZZJONALI", li hu lestieh sa l-aħħar. Nittamaw li l-Gvern ma jonqosx jissokta jippubblika din l-opra li tant hi meħtieġa u tagħmel ġieh lil pajjiżna.*

*L-artikoli u l-ittri tas-Sur Robert fil-ġurnali, perjodiċi u rivisti kienu bla tmiem; hu baqa' sa l-aħħar jikteb u jinteressa ruħu f'dak li kien jiġri f'Malta u barra minn Malta, imma l-aktar li jqanqlulu qalbu kienu dawk il-ħwejjeġ li jmissu lil art twelidu u lir-reliġjon.*

*Fuq kollox is-Sur Robert Mifsud Bonnici kien raġel għaqli u galantom, kien mimli ħeġġa u ħrara, għadda ħajja ta' 84 sena dejjem lest biex jagħti pariri u għajnuna fejn jeħtieġ u lil min jitolbu; fuq kollox kien bniedem ta' karattru, reliġjuż, patrijott.*

*Minn ittra li kitibli s-Sur Ġużeppi Mifsud Bonnici, hu wkoll kittieb tajjeb ta' versi u proża, se nġib din is-silta li tagħti xbieha ħajja tal-karattru tas-Sur Robert:*

> " . . . . Jiena, bħala ħija l-kbir, nista' ngħid li dejjem tana eżempju tajjeb, ħabb dejjem il-familja, waqaf magħha u għamel ħiltu biex iġibha dejjem 'il quddiem. Kellu għal qalbu l-mużika u l-kant u fl-1926 żied magħhom il-kitba tiegħu bil-Malti u, tista' tgħid, li minn dak iż-żmien sa ma miet qatt ma nfatam mill-pinna; l-opri tiegħu jixhduh. Kien bniedem onest u sinċier, iħobb lil kulħadd, dejjem lest biex igħin u jaqdi b'dak kollu li jista'. Kien ħabrieki ma jaqta' qalbu minn xejn, dejjem lest għal kull kitba, basta għall-ġieh t'Alla, għall-ġid tas-soċjetà u ta' pajjiżu; kien fuq kollox difensur qawwi tal-Knisja t'Alla sew bil-kelma kemm bil-pinna. Xjieħ u baqa' enerġiku, b'ħeġġa ta' żagħżugħ sakemm miet.

Inħossni kburi ngħid li ħija Robert kien il-veru ċittadin; dejjem ħabb u serva 'l Alla, lil Art twelidu u lid-dar."

*Għall-merti tiegħu letterarji, is-Sur Robert Mifsud Bonnici kien onorat mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI, bis-salib "Pro Ecclesia et Pontifice", imma billi d-dekorazzjoni waslet ftit wara li miet, is-Sur Robert ma kellux ix-xorti jifraħ biha.*